**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 9**

**5th Diċembru 2024**

Il-laqgħa numru 9 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-5 ta' Diċembru 2024 fil-16.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Nazzareno Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Aġent Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **9.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | Kien hemm ittra ta' apoloġija waħda tas-Sur Nazzareno Bugeja li kien xogħol |
| | |
| **9.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | Is-Sur Matthew Bugeja kien bagħat email li kien hemm xi affarijiet mhux imniżżla fil-minuti u xi punti li ma kienux ċari. Għaldaqstant dawn ġew klarifikati u miktuba fuq il-minuti. Dawn ġew iffirmati mis-sindku u Aġent Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Matthew Bugeja propona u s-Sur Daniel Zerafa ssekonda l-minuti tal-laqgħa. |
| | |
| **9.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku.** |
| 9.3.1<br><br>9.3.2<br><br>9.3.3<br><br>9.3.4<br><br>9.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar il-3 ta' Diċembru 2024 kellu laqgħa ma' rappreżentant mill-Ministeru tat-Turiżmu fejn ġie diskuss il-masterplan. Bħala budget fuq dan il-masterplan hemm 7 miljun. Is-Sindku qal li avolja hu diġa tkellem ma kull kunsillier wieħed wieħed hu propona li jiġi l-perit jiddiskuti u jispjega dan il-masterplan lil-kunsilliera peress li dawn bidlu l-idea kompletament u minn dak li kien issuġerixxa l-kunsill ma hemm xejn. F'dak li ssuġerixxa l-Kunsill is-sajjied kellu prijorità, kulħadd kellu postu u kien aktar organiżżat. Matthew Bugeja issuġġerixxa ukoll li jiġi l-perit tal-kunsill sabiex jitkellmu fuq il-pjanti li kien propona l-kunsill. Fuq dan kien hemm qbil.<br><br>Is-Sindku qal li kellu diskuzzjoni mal-ministeru tat-Turiżmu minħabba l-Fireworks Festival. Hu informa li l-ministeru qed iġibu l-iskuża ħabba l-għelieqi u l-klieb. Huma qalu ukoll li lanqas in-nar tal-festa ma' hu suppost li jinħaraq minn hemm u suppost il-permess ma jinħariġx. Is-sindku qal li hu propona li nar jinħaraq minn braken.<br><br>Is-Sindku informa li mar mal-On. Zerafa Civelli fuq il-post fejn hu propost il-Binja tal-Kunsill. Dan is-sit ser jinqasam mal-università ta' Malta fejn dawn diġà jużaw dan il-post.<br><br>Is-Sindku informa li iltaqa' mal-avukat fuq il-byelaw ta' Delimara fejn dan ser jibda jiktibha u jkellem lura lill-Kunsill fil-jiem li ġejjin.<br><br>Vjal Kulħadd – is-sindku informa li ser ikun qed jerġgħa japplika |
| | Is-sindku informa li ser jaqbeż xi affarijiet mill-aġenda sakemm tasal il-viċi sindku. Hawnhekk daħlu ukoll xi nies minn barra jisimgħu l-laqgħa. |

| | |
|---|---|
| 9.3.6 | Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva talba min għand Ms Malta Marsaxlokk sabiex jgħina fil-mixja tagħha għal Ms Malta. Din it-talba hi ta Euro 350. Kien hemm qbil unanimu fuq dan |
| | |
| **9.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 9.4.1 | Daniel Zerafa saqsa fuq il-barumbara u xi żvolta kien hemm. Is-Sindku qal li Marsaxlokk heritage kellhom proposta min-naħa tal-kunsill sabiex it-triq tkun tista' taddi madwar il-barumbara u l-Minister tat-Turiżmu aċċettaw. |
| 9.4.2 | Matthew Bugeja saqsa sabiex jitranġaw it-tabelli fi Triq l-Iskola l-antika kantuniera ma' Triq Ċiċeru. Dan għaliex hemm tabella nieqsa u oħrajn imdawra. Is-Sindku wieġeb li dan ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill |
| | |
| | Hawnhekk daħlet il-viċi sindku is-Sa Miriam Camilleri |
| | |
| 9.4.3 | Is-Sa Camilleri saqsiet fuq is-swimming zone tal-magħluq u il-kunsillier Daniel Zerafa spjega li tal-magħluq m'hemmx swimming zone imma din tinsab fejn il-pitch. Miriam Camilleri saqsiet hekk nistgħux napplikaw għal pont li jsir b'framework agreement mal-public works. Is-Sindku informa li dan jista' jsir mil-Ministeru tat-Turiżmu u nkomplu taħdiet sabiex tkompli tiġi rranġata l-bajja tal-għar l-aħmar |
| | Il-Viċi Sindku qalet ukoll li daħal ilment fi Triq Toninu Attard hemm kaxxa tal-parkeġġ żgħira ħafna. Is-Sindku spjega li din ma tistax tikber għax ma kienx hemm wisgħa. |
| 9.4.4 | Matthew Bugeja saqsa fuq Triq il-Melqart fejn saqsa jekk kienx hemm data meta ser isisr l-asfaltar tal-biċċa t'isfel ta' din it-triq u Sindku wieġeb li ser jitkellem ma Infrastructure Malta |
| | |
| | |
| **9.5** | **Quarterly Report – 3$^{rd}$ Quarter 2024** |
| 9.5.1 | L-accountant spjega li kien ser jitkellem fuq ir-rapport finanzjarju Q3. Hu qal li bħalissa dan ir-rapport jindika defiċit fejn l-akbar spiża hi dik ta' dawl tat-toroq kif ukoll il-ġbir tal-iskart u tipping fees. Hu qal li l-ispejjeż amministrattiv u spejjeż oħra huma mal-budget u jidher li f'dawn l-ispiża sal-aħħar tas-sena ser tkun kif kien imqassam mal-budget. Però fuq il-ġbir tal-iskart, u tipping fees il-qabża hi waħda kbira u dan juri ukoll fil-balance sheet. |
| | |

| | |
|---|---|
| | Hawnhekk daħal il-Kunsillier Nazzareno Bugeja Online |
| | |
| | L-accountant kompla li defiċit meta mqabbel mal-budget huwa inqas però l-kunsill jibqa' f'defiċit. Dan juri li l-kunsill qed jikkontrolla nefqa fejn jista' jikkontrolla, imma tibqa' l-problema ta' skart, tipping fees u dawl fejn il-kunsill m'għandux kontroll. Fil-fatt l-FSI hu ta -16%. L-accountant spjega li iktar ma dan id-deficit jikber iktar ser ikun hemm kontrolli mid-dipartiment u restrizzjonijiet u għaldaqstant hu importanti li l-kunsill jikkontrolla nefqa fejn jista' jikkontrolla |
| | |
| | |
| **9.6** | **Ħatra Deputat Segretarju Eżekuttiv** |
| 9.6.1 | Is-Sindku spjega li minħabba regolamenti fil-post fejn jaħdem is-Sur Duncan Hall dan ma setgħax jaqdi l-funzjoni ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant qed jipproponi lis-Sa Tiffany Abela bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha.<br><br>Is-Sindku u l-kunsilliera irringrazzjaw lis-Sa Karen Scicluna għas-servizz tagħha. |
| | |
| | |
| **9.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku – Kontinwazzjoni** |
| | Is-Sindku spjega li peress li issa l-kunsilliera kollha kienu preżenti xtaq li jiddiskuti punt fuq tal-monti, tal-ħaxix, u tal-ġelat ta' fost il-ġimgħa li kien intqabeż qabel. |
| **9.3.7** | Is-Sindku spjega li wara argument li kien hemm fiż-żona fejn jarma l-monti ta' fost il-Ġimgħa, il-pulizija ħadu passi sabiex kull oġġett ta' żgombru ikollu l-permessi neċessarji skond il-bye law. Skond l-istess bye-law, kemm l-operaturi tal-boat trips u r-restaurants irid ikollhom permess sabiex ikunu jistgħu ipoġġu tabelli fiż-żoni pedonali. Kif kien maqbul fil-laqgħat preċedenti l-il-Kunsill irid li l-operaturi tal-boat trips jarmaw it-tabella tagħhom ħdejn il-ħolqa tal-permess tagħhom u dawn it-tabelli għandhom ikunu kollha bl-istess daqs u għamla. It-tabella tar-restaurants trid titpoġġa fl-area allokata lilhom u immarkata mill-kunsill lokali. Kull restaurant ser ikun jista jkollu massimu ta tabella waħda biss. jagħmlu tabelli bil-permessi.<br><br>Is-Sindku qal li minħabba li TM toħroġ il-permessi lill-operaturi tal-boat trips, trid tkun l-istess TM li tagħti lill-Kunsill Lokali il-lista tal-operaturi liċenzjati bl-identifikazzjoni ta liema hija l-ħolqa tagħhom. Matthew Bugeja qal li l-Kunsill |

| | |
|---|---|
| | Lokali m'għandhux joħroġ permessi biex jitpoġġew tabelli fejn ikun hemm il-permessi tal-monti. Is-Sindku wieġeb li tal-monti għandhom il-kaxxa tagħhom immarkata u l-permessi għat-tabelli mill-operaturi tal-boat trips ser joħorġu biss fuq l-area tas-sajjieda li hi mgħamula mill-konkos. Il-monti mhux ħa jintmess. Matthew Bugeja qabel u issuġġerixxa li l-permess joħroġ bis-site plan tal-ħolqa. B'hekk, qal li ma għandu joħroġ l-ebda permess minn naħa tal-Kunsill qabel qabel TM tipprovdi l-lista msemmija aktar qabel.<br><br>Is-Sindku spjega li TM kienet se talloka numri lill-ħoloq. Kif dawn jaslu għand il-kunsill jibdew joħorġu l-permessi. |
| | |
| | Hawnhekk kien hemm persuni mill-pubbliku li xtaqu jitkellmu għaldaqstant is-sindku issospenda l-laqgħa. |
| | |
| | Il-laqgħa tkompliet wara 5 minuti |
| | |
| | Is-Sindku talab li jittieħed vot fuq dan l-istatement: Kull operator ta' attività kummerċjali li jixtieq jagħmel attività irid jagħmel permess għal tabella mill-kunsill lokali. Qisien tat-tabella kienu maqbula fil-laqgħa preċedenti. Dawn ser jiġu assenjati hekk:<br>- Ristoranti fl-arja assenjata mill-Kunsill Lokali<br>- Boat trips ħdejn il-ħolqa fuq il-konkos bis-site plan<br><br>Bħala ħlas ser ikun skond dak li jinsab fis-sistema li hi bil-Euro 1 per day.<br><br>Voti favur: 5<br>Voti Kontra: 0 |
| | |
| 9.3.8 | Is-sindku spjega li fis-sena 2011 il-kunsill ta' dak iż-żmien kien qabel li tal-ħaxix ta' ġewwa jkollu post. Fil-Covid il-kunsill ta' dak iż-żmien kien qabel li anke Chris tal-ħaxix ikollu post ukoll basta jirranġaw bejniethom. Hemm ukoll tal-ġelat. Dan għandu permess in-naħa ta' ġewwa ukoll u suppost il-vann bil-lejl jitlaq. Tal-ħaxix xtara kaxxa ukoll imma m'għandix permess għal bejh ta' ħaxix.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li tnejn li huma għandhom jidħlu fuq ġewwa.<br><br>Is-Sindku qal li Birżebbuga tal-ġelat għandu karru. Matthew Bugeja qal li l-van għandu jitlaq minn hemm u tal-ġelat jiġi bil-karru fuq ġewwa. Għalhekk is-sindku propona li jinfetħu diskussjonijiet ma tal-ġelat sabiex isir karru u jitpoġġa fuq in-naħa ta' ġewwa. Nhar ta' Ħadd tal-ġelat jarma fuq barra.<br><br>Fuq dan kien hemm qbil. |

| | |
|---|---|
| | |
| | |
| **9.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 9.9.1 | Dawn ġew approvati. Is-Sur Matthew Bugeja propona u s-Sur Daniel Zerafa ssekonda. |
| | |
| **9.10** | **Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.** |
| 9.10.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill Nru  ġiet fit-tmiem wara li kienet eżawrita l-aġenda kollha fil-17.52. Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar il-Ġimgħa 10 ta' Jannar, 2025 fid-9.30am. |

Konfermati, illum 10 ta' Jannar 2025.

**IFFIRMATA**

_________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

_________________________

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

_________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

_________________________

***Sekondant***